# il-Ħuttafa

## il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




numru 89

novembru - diċembru 2008




Din hija **GAWWIJA RASHA KANNELLA**. Forsi taħsbu min semmieha hekk kien fis-sakra, għax ras dan l-għasfur tidher bajda mhux kannella! Is-sigriet huwa li meta dil-gawwija tbiddel ir-rix fir-rebbiegħa, rasha ssir kannella skur. Imma hawn Malta dan l-għasfur iktar narawh fix-xitwa meta rasu... tkun bajda!



Ritratt ta' Desirée Falzon

## editorjal

### Ħej Ħuttaf!

Tħobbuha x-xitwa? Jien inħobbha, avolja jiena u nittajpja bħalissa għandi saqajja ffriżati :) Ix-xitwa togħġobni għax bħalissa l-pjanti qishom tellieqa biex jaraw min minnhom se jkabbar l-iktar weraq, u ftit ieħor jimpikaw min minnhom ħa joħrog il-fjuri l-ewwel.

Anke għasafar ikun hawn ħafna iktar milli jkun hawn fis-sajf. Morru passiġġata fil-kampanja u jekk toqogħdu tikka attenti taraw u tisimgħu **Pitirrossi** u **Fjammi Suwed**, **Psiepes** u **Zizka Bojod**, **Buċaqq tax-Xitwa**, **Sturnell** u **Vjolini tax-Xitwa**. Dix-xitwa ġew ħafna Vjolini tax-Xitwa, per eżempju. Orkestra sħiħa insomma!

Dawn kollha għasafar komuni li naraw daż-żmien, u intom bħala naturalisti membri ta' Klabb Ħuttaf tajjeb li ssiru tagħrfu xi erbgħa minnhom. Xejn xejn timpressjonaw lil sħabkom li ma jifhmux fin-natura u għalihom kull għasfur jaħsbuh Tal-Bejt :)

Jekk tiġu l-ħarġiet tal-Klabb malajr tibdew tagħrfu dawn l-għasafar għax mhux diffiċli. Sibu paġna 7 ħalli taraw kemm hu faċli tagħrafhom minn xulxin. Iktar u iktar jekk għandkom tromba u xi ktieb bħal *Għasafar Madwarna*. Imma l-iktar li għandkom bżonn huma għajnejn jaraw u widnejn jisimgħu.




Issa ħa nħallikom forsi nħajjar il-qattusa toqgħodli fuq saqajja forsi ssaħħanhomli!

Ċaw ċaw!

Victor

**Victor Falzon**
l-editur

## X'hemm mal-faċċata?



L-AGRETT TAL-BHEJJEM (Cattle Egret *Bubulcus ibis*) iktar tarah f'pajjiżi tal-Afrika milli f'Malta. Imma dan l-aħħar beda jitfaċċa Malta kull sena. Bħall-kuġini tiegħu l-irsieset, l-Agrett tal-Bhejjem iħobb postijiet niedja ħdejn xmajjar jew għadajjar. Imma dan iħobb ukoll jippassiġġa fejn ikun hemm xi merħla baqar jew bufli qed jirgħu. Ritratt ta' Victor Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 5 |
| Iż-Żagħrun | 6 |
| Għasafar tax-Xitwa | 7 |
| Attività | 8 |
| Rapport | 8 |
| It-Tundra | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Qatt innutajt? | 11 |
| Dinja Waħda | 11 |



**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Angèle Pulis



**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dal-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, Diċembru 2008
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop





# MOSTRU ikraħ

Aħbar xejn sabiħa. Forsi smajtu bit-triq li jridu jgħaddu mill-Għadira. Dan huwa proġett tal-waħx li jekk isir ħa jirvina biċċa oħra mill-kampanja Maltija, ħa jċarrat ix-xagħri ta' Foresta 2000 u ħa joqtol għal dejjem il-kwiet u l-paċi tar-riserva naturali tal-Għadira.

Victor Falzon




Victor Falzon




Kif taraw fir-ritratt t'isfel, l-idea hi li jibnu triq ġdida li tgħaddi minn wara r-riserva tal-Għadira. Bħala skuża qalu li t-triq tax-xatt qed teqred ir-ramla tal-Għadira, imma s'intendi kulħadd jaf li din ħmerija. Il-BirdLife u għaqdiet oħrajn huma kontra dal-proġett mostruż u qed nitħabtu biex ma jsirx. Jekk nitilfu dil-battalja u l-proġett isir xorta, titlef in-natura, jitilfu l-għasafar, jitilfu l-pjanti, titlef il-kampanja, u jitilfu n-nies kollha li jħobbu l-ambjent. Din il-ġennata turi li Malta għad hawn ħafna li ma jimpurtahomx mill-ambjent.



## aktar art protetta

Dan l-aħħar ir-Russja wegħdet li se tkabbar l-art protetta tagħha b'xi 80 miljun ettaru... biċċa art daqs il-Ġermanja, l-Italja, is-Slovenja, l-iSvizzera, l-Olanda u l-Belġjum flimkien! Waww!

Bħalissa qed issir ħerba f'ħafna mill-foresti tar-Russja. It-tort mhux biss ta' min qed jaqta' s-siġar, imma anke tal-gvern Russu li mhux jikkontrolla l-qtugħ. Forsi bil-protezzjoni l-ġdida l-affarijiet isiru aħjar. Aħna hekk nisperaw, għall-ġid tas-siġar u l-annimali li jgħixu f'dawn il-foresti enormi.



# Sejba għadam!




Dan l-aħħar fiċ-Ċina nstabet biċċa art mimlija [1]fossili tad-dinożawri. Qed jgħidu li din hija l-iktar roqgħa art fid-dinja li fiha minn dal-fdal, u qiegħda ħdejn belt jisimha Zhucheng. F'biċċa art daqs qisu tliet grawnds tal-futbol diġà sabu 7600 fossila, u min jaf x'għad hemm midfun. Il-[2]paleontoloġi qed itiru bil-ferħ għax iktar ma jsibu fossili iktar nitgħallmu fuq il-ħajja ta' dawn l-annimali, li llum m'għadhomx jeżistu.

Id-dinożawri huma rettili li kienu jgħixu miljuni tas-snin ilu, uħud enormi bħall-famuż Tyrannosaurus rex, oħrajn żgħar daqs tiġieġa, uħud itiru u oħrajn jgħumu. Id-dinożawri mietu kollha ħafna qabel ma tfaċċaw innies fid-dinja. Illum nafu bihom għax għadhom jinsabu l-fdalijiet tagħhom fil-blat. F'Malta qatt ma nstabu fossili tad-dinożawri għax il-blat Malti mhux daqshekk antik. L-iktar li nstabu fossili tad-dinożawri huma fl-iStati Uniti u fiċ-Ċina.




**Dan huwa Ħadrożawrus, dinożawru li għex xi 80 miljun sena ilu. F'Zhucheng sabu skeletru ta' Ħadrożawrus twil 20 metru!**

[1]**fossili** - fdalijiet antiki ta' pjanti jew annimali li biż żmien isiru ġebel.
[2]**paleontologu** - Xi ħadd li jistudja l-ħajja preistorika.

# Ċaw ċaw imnasab!



Ray Galea

Tiftakru f'dawn l-aħħar xhur ġibna COUNTDOWN f'Il-Ħuttafa ta' kemm baqa' żmien biex jispiċċa l-insib tal-għasafar f'Malta? Issa ż-żmien għadda, u l-insib suppost jieqaf kollu u għal dejjem malli tispiċċa s-sena 2008. Minn 1 Jannar 2009 sar kontra l-liġi tal-Unjoni Ewropea (u ta' Malta) li n-nassaba jkomplu jarmaw ix-xbiek u jaqbdu għasafar bħal Griedel, Vrieden, Ġojjini u Pluvieri. Issa nisperaw li l-liġi jobduha wara kollox!

Fir-ritratt taraw mansab enormi li qiegħed ħdejn Binġemma, u dan huwa armat biex fih jinqabdu l-Pluvieri. Barra li huwa ħażin u krudili li taqbad l-għasafar, araw ukoll xi ħsara saret lill-art. Din qabel probabbi kienet roqgħa xagħri sabiħa mimlija Għansar, Sagħtar u orkidi. Issa ġiet qisha parking. Prosit eh! Very nice!

# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

## il-kapinera

Blackcap
*Sylvia atricapilla*




L-istampa meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna*, li qiegħed għall-bejgħ €5.

Din hi waħda mill-għasafar li jinżlu jqattgħu x-xitwa fil-Mediterran, u għalhekk tiġi wkoll f'Malta. Qisha Bufula Sewda imma tagħrafha minnha għax l-iswed f'rasha jgħatti biss il-qorriegħa u mhux il-wiċċ ukoll. Il-Kapinera mara jkollha qorriegħa kannella. Il-Kapinera tfittex postijiet bis-siġar u mhux faċli taraha għax tħobb tinħeba qalb il-friegħi jew pjanti folti. Fejn ikun hemm il-Liedna, għid li se ssib il-Kapinera wkoll, tnaqqar mill-frott tagħha. Mhix għasfur rari u jekk tidra l-għajta tagħha (*Ċekk...ċekk...ċekk*) tibda tinduna biha iktar malajr. Din l-għajta wkoll tixbaħ lil tal-Bufula Sewda imma mhix maħtufa u hemm pawsa qasira bejn għajta u oħra. Meta nismagħha tfakkarni fil-ħoss li jagħmel ballun tat-table tennis meta titilqu minn idek biex jimmolla mal-art u terġa' taqbdu!



# L-iSkrepbuk tal-Fjuri

kitba ta'
**Jeffrey Sciberras**

## qarsu

bl-Ingliż
**Cape Sorrel**
isem xjentifiku
*Oxalis pes-caprae*



Arnold Sciberras

- janta [1]annwali, baxxa, b'ħafna weraq forma ta' tliet qlub imwaħħlin ma' xulxin.
- agħmel fjuri sofor qishom trumbetta, minn Novembru sa Mejju.
- għidulha QARSU għax iz-zkuk ħodor għandhom togħma qarsa. Tissejjaħ ukoll ĦAXIXA INGLIŻA għax iddaħħlet Malta minn [2]botaniku fl-1811 fiż-żmien li Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi, u żeragħha fil-ġonna tal-Furjana.Inġabet mill-Afrika t'Isfel, imma llum mifruxa f'ħafna pajjiżi fil-Mediterran, u anke waslet l-Ingliterra.
- janta [3]invażiva ħafna. Tifforma basal żgħir taħt l-art, u tinfirex minn hekk. Imliet kullimkien u probabbli qerdet u ħadet post xi pjanti li kienu indiġeni.
- 'Malta tikber fil-gżejjer kollha ħlief fuq Filfla, il-Ġebla tal-Ġeneral u xi blatiet oħrajn.

[1]**annwali** - pjanta li tgħix staġun jew tnejn biss.
[2]**botaniku** - xi ħadd li jistudja l-pjanti.
[3]**invażiv** - annimal jew pjanta li jinfirex malajr u spiss joħnoq u jieħu post speċi oħrajn madwaru.

# BL-GĦERUQ U X-XNIEXEL
Ħarsa lejn siġar Maltin

# iż-żagħrun

hawthorn Crataegus monogyna

Darba, wieħed bidwi ħabib tiegħi minn Ħal Għargħur kien sejjaħ liż-Żagħrun "is-siġra tal-kastig". Hu ried ifisser li ż-Żagħrun jikber qalb il-blat tax-xagħri u fl-irdumijiet u jiflaħ għan-nixfa u l-kedda tas-sħana tas-sajf. U hekk hu, għax kultant tara Żagħrun jikber fil-blat u tiskanta kif jibqa' ħaj!

Imma ż-Żagħrun jikber ukoll f'imsaġar naturali fejn jifforma parti mis-saff ta' siġar baxxi. F'diversi pajjiżi ż-Żagħrun iħawluh ma' speċi oħrajn biex jiffurmaw ħeġġ li jservi ta' lqugħ għar-riħ. Barra minn hekk, ix-xewk tal-friegħi żgħażagħ taż-Żagħrun iservi wkoll biex iżomm il-bhejjem milli jgħaddu minnu u jaħarbu.




Iż-Żagħrun huwa [1]sġajra [2]ħorfija li fix-xitwa tinża' għal kollox mill-weraq, imbagħad tarmi weraq ġdid fir-rebbiegħa eżatt wara li tarmi bukketti bojod ta' [3]nwar. Fil-ħarifa, waqt li toħrof, issir ħamra għax tkun miżgħuda bil-frott.




Iż-Żagħrun ħafna drabi jikber mhux fuq zokk wieħed imma fuq numru ta' zkuk, ġieli f'forma xi ftit bl-addoċċ. Meta jitħawwel fil-ġonna u jissaqqa, iż-Żagħrun isir arbuxxell kbir. Il-qoxra taz-zokk hija kannella matta bi xquq oranġjo. Il-weraq huwa mfellel fi swaba' qisu tat-tursin, u l-fjuri huma bojod b'ħames petali li jfuħu.

Wara li l-insetti jdakkru l-fjuri, tikber frotta qisha tuffieħa żgħira, wiesgħa xi 1ċm u b'qoxra ħamra tgħajjat. Dak il-kulur jarawh sew għasafar bħall-imlievez, li jikluh bil-qalb. Iż-żerriegħa tgħaddi mill-għasfur u meta dan iħammeġ, fejn taqa' ż-żerriegħa tista' tinbet. B'hekk iż-Żagħrun għandu post importanti fix-xibka tal-ħajja.

Din is-sġajra toffri kenn u ikel għal ħafna għasafar u mammiferi. Il-ward tagħha huwa għajn tajba għall-insetti li jixorbu n-nektar, u x-xgħat ta' diversi friefet u baħrijiet jieklu l-weraq taż-Żagħrun.

Għalhekk min iħawwel siġra taż-Żagħrun ikun qed jagħti kontribut kbir lin-natura.




Desirée Falzon

Meta ż-Żagħrun ikun bil-frott impossibbli ma tindunax bih! Din tar-ritratt tikber ħdejn Selmun.



Joe Sultana

Fjuri taż-Żagħrun

## Biex tkabbar...

Biex tkabbar iż-Żagħrun, iġbor il-frott fil-ħarifa, neħħi l-laħam tal-frotta (li jista' jittiekel) u iżra' l-"għadma", li hija ż-żerriegħa. Il-qoxra tal-għadma hija iebsa u ddum ma titmermer, tant li fl-ewwel sena miż-żriegħ ma tinbitx. Iż-żerriegħa tinbet fir-rebbiegħa ta' wara t-tieni xitwa mill-ġbir. Wara li tinbet, ħawwilha fejn trid, basta għad-dawl tax-xemx, għax iż-Żagħrun ma jikbirx għad-dell ta' siġar oħra. Minn hemm, iż-Żagħruna tiegħek tkompli tikber u ssebbaħ l-ambjent naturali.






il-masġâr Charles F. Grech

[1]**sġajra** - siġra żgħira
[2]**ħorfija** - pjanta li twaqqa' l-weraq fil-ħarifa (bl-Ingliż deciduous)
[3]**nwar** - fjuri

# Għasafar Xitwin

kitba Victor Falzon
ritratti Denis Cachia

Hawnhekk għandna seba' għasafar differenti li naraw fix-xitwa. S'intendi f'Malta jkollna ħafna iktar minn dawn, imma jekk toħorġu fil-kampanja bħalissa dawn kważi żgur tarawhom jew tisimgħuhom, għax kollha komuni. Mela isa... darb'oħra li toħorġu mal-familja ħudu din Il-Ħuttafa magħkom, għorku għajnejkom u naddfu widnejkom :) u mmarkaw kemm issibu minnhom...























Victor Falzon

### Fejn sejrin sabiħ?

# Sejrin sal-Foresta!

Hekk hu! Issa saret drawwa ta' kull sena li mmorru nittawlu ftit lill-proġett maħbub tagħna Foresta 2000 ħalli naraw f'hiex wasal ix-xogħol. Imma mhux inħarsu biss b'idejna fil-but. Kif inkun hemm inxammru ftit il-kmiem u nagħtu daqqtejn mgħażqa. Le mhux lil xulxin! Jiġifieri nħawlu xi ftit siġar aħna wkoll :)

Ħafna membri tal-Klabb huma kburin li ħawlu b'idejhom stess siġar fil-Foresta, ħalli ftit snin oħra hemmhekk ikollna bosk tal-ġenn.

Minbarra l-leaders tal-Klabb, ħa jkollna wkoll ir-ranger tal-foresta biex idawwarna u jispjegalna. U s'intendi kif inkunu hemm nagħmlu ftit berdwoċing ukoll.

Mela daqshekk paroli. Iktbu d-data fuq karta u waħħluha mal-friġġ ħalli ma tinsewx żgur. Narawkom!




**data**
il-Ħadd 25 Jannar 2009
**niltaqgħu**
ħdejn ir-riserva tal-Għadira
**ħin**
8.45 am
**inlestu**
xi nofsinhar
**merħba**
membri* u l-familji tagħhom
**ġibu**
tromba u gajd (jekk għandkom), xi ħaġa tal-ikel, nowtbuk u lapes

*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom adult.

## Meta morna l-iMġiebaħ...



Kathleen Mamo

Membri tal-Klabb jieħdu ritratt mal-ħabiba tagħhom... il-Bużnanna Żnuber!

Attività organizzata minn Klabb Ħuttaf saret nhar il-Ħadd 9 Novembru 2008. Inġbarna ħdejn il-palazz majestuż ta' Selmun u wara erħejnielha bil-pass lejn Wied l-iMġiebaħ. Il-leaders tawna mappa minn fejn stajna nsegwu minn fejn konna għaddejjin. Kien hemm ukoll xi mistoqsijiet f'għamla ta' treasure hunt li stajna nwieġbu aħna u mexjin. It-temp ma tantx kien favur tagħna għax f'nofs ta' triq qabditna x-xita, wara li kien xeba' jrieghed. Imma b'daqshekk hadd minna ma tilef il-gost u l-entużjażmu li nkomplu naraw aktar flora u fawna. Fost il-pjanti li rajna kien hemm iċ-**Ċistu Roża**, il-**Pajżana**, it-**Tulliera**, iż-**Żagħrun**, iż-**Żebbuġija**, id-**Deru** u x-**Xorbett**. Fost l-isbaħ xeni tal-wied rajna waħda mill-ikbar siġriet taż-**Żnuber** f'Malta, u foresta sħiħa ta' **Ballut**! Rajna u smajna xi fawna wkoll, fosthom l-**iSturnell**, il-**Pespus**, il-**Buċaqq tax-Xitwa**, in-**Nannakola tal-Faqqus il-Ħmir**, xagħat tal-**Baħrija tat-Tengħud** b'kuluri mill-isbaħ u ż-**Żunżan tax-Xehda Kbira**. Kif waqfet ix-xita rajna għadd kbir ta' bebbux hiereġ idur fuq il-ħaxix. Nisperaw li ma ndumux ma nerġgħu niltaqgħu għal attività oħra u anke forsi naraw xi wċuħ ġodda. Narawkom.

Jacqueline Licari






merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964
An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlin library
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575
T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135









Ir-renni (reindeer) adattati għall-ħajja fit-tundra, u jieklu ħafna likeni.

Elisabeth Conrad

# it-tundra

## X'inhi tundra?

Did-darba se nitkellmu dwar it-tundra, kelma ġejja mill-Finlandiż li tfisser *pjanura bla siġar*. It-tundra tinsab f'postijiet kesħin ħafna, fejn ftit li xejn tagħmel xita. Għal ħafna mis-sena jkun hemm il-borra, u taħt il-ħamrija l-art tkun iffriżata s-sena kollha (jgħidulu *permafrost*).

Fis-sajf il-borra u s-silġ tal-wiċċ jinħallu u jiffurmaw ħafna għadajjar li jiġbdu ħafna insetti, speċjalment nemus. Minħabba l-permafrost l-ilma ma jinżilx taħt l-art u din tibqa' mifqugħa bl-ilma. Dan ma tantx hu ambjent tajjeb għan-nies, bin-nemus kollu li jkun hemm, imma attrajenti ħafna għall-għasafar!

Taħsbux però li s-sajf fit-tundra ikun bħal tagħna! Idum biss 6-10 ġimgħat (u x-xitwa ddum 6-10 xhur!) u t-temperatura fis-sajf tkun 3-12°C. Għall-bqija tas-sena tinżel xi -34°C! Irjieħ qawwijin ikomplu jnixxfu u jkessħu, u minħabba li t-tundra qiegħda ħdejn l-Artiku, ikun hemm iljieli twal ħafna fix-xitwa u ġranet twal ħafna fis-sajf. F'xi ġranet ix-xemx bilkemm titla'!

## X'jgħix hemm?

Ftit pjanti u annimali jkampaw f'dawn il-kundizzjonijiet. Il-ħamrija tat-tundra hija fqira u minħabba l-permafrost ma jistgħux jikbru pjanti b'għeruq li jinżlu fil-fond. Għalhekk l-iktar li nsibu huma **ħażiż** (mosses), **ħaxix** u **likeni**, ilkoll pjanti baxxi bla għeruq fondi. Ħafna minnhom kapaċi jagħmlu [1]fotosintesi anke f'kundizzjonijiet bi ftit xemx. Diversi pjanti kapaċi jdeffsu ċ-ċiklu kollu tal-ħajja fis-sajf qasir u jagħmlu ż-żerriegħa qabel terġa' tidħol ix-xitwa.

Ħafna annimali tat-tundra huma veġetarjani, għax ma tantx isibu annimali oħrajn x'jieklu! Fost dawn hemm ir-**renni** u annimali żgħar bħal **liebri** (hares), **bugeddum** u **lemmings**. Il-predaturi jinkludu l-**Ors Abjad**, il-**Lupu** u l-**Volpi Abjad**. Kif jadattaw? Uħud għandhom pil oħxon u oħrajn għandhom pil abjad biex ma jidhrux fil-borra. Ħafna minnhom tgħallmu jieklu kull ikel li jsibu.

### Fejn hi t-tundra tad-dinja?




1 Alaska (USA)
2 Kanada
3 Greenland
4 Islanda
5 Norveġja
6 Finlandja
7 Russja

## Ħażna gass

Nispiċċaw b'ħaġa interessanti. Kontu tafu li t-tundra fiha ħażna kbira ta' carbon dioxide ($CO_2$)? Is-$CO_2$ huwa gass li qed jikkawża l-*global warming*. Normalment il-pjanti jarmu s-$CO_2$ meta jitmermru wara li jmutu. Imma fit-tundra s-sajf tant hu qasir li l-pjanti ma jilħqux jitmermru, u x-xitwa kiesħa wisq. B'hekk flok jintrema fl-arja, is-$CO_2$ jibqa' maħżun fil-fdal tal-pjanti, li jibqgħu fil-permafrost għal żmien twil ħafna! Għalhekk it-tundra qed tgħin nsolvu l-problema tal-global warming!

[1]**fotosintesi** - meta l-pjanti jibdlu d-dawl tax-xemx f'ikel għalihom.



Fis-sajf, il-Volpi Abjad (Arctic Fox)

## nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

**Ara ssibx l-għasafar kollha li daħlu jistaħbew fil-kaxxa. B'kollox hemm 28, u l-lista hija din...**

- ekru
- arpa
- bies
- dizz
- kuda
- ċiefa
- kokka
- merill
- farruġ
- ġojjin
- bilbla
- kwakka
- rundun
- swejda
- verdun
- żiemel
- alwetta
- gallina
- gamiema
- huttafa
- ortolan
- sponsun
- pluviera
- kuċċarda
- kuluvert
- sarsella
- velleran
- bulebbiet



| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| s | a | g | a | m | i | e | m | a | d | r | e | b | n | m |
| e | a | a | k | k | a | w | k | l | a | k | k | o | k | f |
| i | f | d | a | s | d | j | e | t | a | r | f | a | s | ħ |
| b | a | d | p | d | j | m | t | a | j | r | a | m | p | ċ |
| z | t | u | r | k | e | e | r | v | n | i | j | j | o | ġ |
| ġ | t | a | a | i | w | v | t | a | f | e | i | ċ | n | ċ |
| ġ | u | n | ż | l | s | a | r | s | e | l | l | a | s | g |
| l | ħ | u | a | u | k | e | e | g | ż | m | r | d | u | a |
| t | a | d | w | e | l | v | ż | ġ | ż | e | t | n | n | l |
| r | a | r | t | l | t | g | u | e | i | g | u | ħ | ż | l |
| e | l | e | e | k | l | r | l | v | d | d | ġ | ġ | k | i |
| v | b | v | r | s | r | o | u | p | n | ċ | ċ | g | u | n |
| u | l | e | e | a | i | l | k | u | ċ | ċ | a | r | d | a |
| l | i | i | f | s | p | o | r | t | o | l | a | n | a | ċ |
| u | b | u | l | e | b | b | i | e | t | s | d | h | k | ċ |
| k | w | a | k | k | k | a | a | k | l | l | i | r | e | m |

## gallerija






gremxula
jeffrey scib-erras



gardell
peter camilleri 10



emperor penguin
gail bugeja 12



qerd in-naħal
luke d'agostino 7



tajra safra
martin austad 12



bekkaċċa tal-baħar
andrew micallef 8



tellerita
ludwig camilleri 11



sponsun
christine galea 11



pitirross
brandon birmingham 11



## Qatt innutajt..?




Siġra tat-tin fix-xitwa. Meta siġra twaqqa' l-weraq ngħidu "qiegħda toħrof".

# Siġar bla weraq

**Qatt innutajt** li bħalissa ħafna siġar jkunu bla weraq? Tgħid għaliex jinżgħu fl-istess żmien meta aħna iktar nilbsulu?!

Ir-raġuni hija sempliċi: it-temp tax-xitwa huwa iebes wisq għall-weraq. Malajr jitqattgħu bir-riħ. Apparti hekk, fix-xitwa jkun hawn iktar dlam għax il-ġranet ikunu qosra, u l-weraq għandu bżonn id-dawl tax-xemx biex jagħmel l-ikel għas-siġra.

Allura fix-xitwa ħafna siġar jagħlqu l-fabbrika tal-weraq billi jnixxfuhom u jwaqqgħuhom, u jorqdu. Jibqgħu ħajjin bis-saħħa tal-ħażna ikel li jkollhom fiz-zokk.

Imma hemm ukoll sigar li ma jwaqqgħux weraq. Dawn għandhom difiżi oħrajn kontra l-qilla tax-xitwa, per eżempju xi weraq ikollu kisja xama' li tipproteġih mir-riħ u l-kesħa.

Issa ara ssibx siġra viċin id-dar, f'xi ġnien jew fl-iskola li bħalissa hija bla weraq, u jekk għandek kamera ħudilha ritratt. Imbagħad fir-rebbiegħa erġa' sibha u innota kif terġa' toħroġ weraq ġdid! Ħudilha ritratt ieħor u qabbel mal-ewwel ritratt biex tara d-differenza!

Desirée Falzon

## titwila lejn Dinja Waħda




Trid tkun ġurnalist? Trid iddur id-dinja biex tikxef, tinvestiga u twassal aħbarijiet ambjentali? Mela staqsi lill-għalliema tiegħek biex tagħmlu **Junior Journalist** fil-klassi u malajr taqta' xewqtek!

In-natura u l-ambjent huma kbar ħafna u kuljum jiġrilhom xi ħaġa - daqqa tajba, daqqa ħażina - kif taraw anke mill-aħbarijiet li nġibu f'*Il-Ħuttafa* stess (p.3 u 4). Ġurnalist ta' ġrajjiet ambjentali irid joqgħod b'seba' għajnejn biex isegwi kull ma jkun qed jiġri fid-dinja.



Tfal mill-iskola Birżebbuġa B waqt Junior Journalist

Mela, xi trid tagħmel? Segwi l-aħbarijiet, fittex fil-gazzetti, isma' r-radju jew fittex fl-internet, u ħu nota jew ftakar, ħalli tgħidha lill-bqija tal-klassi. L-għalliema mbagħad issib ftit ħin f'xi ġurnata mill-ġimgħa fejn il-ġurnalisti ambjentali jirrappurtaw dak li jkunu sabu.

Jekk issib stampi mill-gazzetti jew mill-internet, ibdew *scrap book* kbir għall-klassi u waħħlu fih dawn l-istampi u nota qasira bl-aħbar. Agħtuh isem, per eżempju *Ġrajjiet Ħodor* jew *Aħbar Ambjent* eċċ. Sa l-aħħar tas-sena tkunu għaqqadtu ktieb tal-ġenn kollu stejjer mid-dinja tal-ambjent!

Min jaf, forsi la tikber issir ġurnalist veru u xogħlok ikun li ssegwi ġrajjiet ambjentali ;-)

Desirée Falzon

BirdLife MALTA

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni

BOV Bank of Valletta

# **BOV** Young Savers Account

## aħna ngħinuk **tfaddal**




Faddal il-flus li qlajt matul il-vaganzi tal-Milied permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Tirċievi l-Ġurnal ta' Ċikkurillu darbtejn f'sena**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

BOV 21433

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*